II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1536

tal-11 ta' Settembru 2017

dwar miżura ta' emerġenza fil-forma ta' għajnuna lill-irziezet b'mhux aktar minn 50 annimal tal-ispeċi porċina li jinsabu f'ċerti żoni tal-Polonja meta jieqfu jipproduċu l-laħam tal-majjal minħabba rekwiżiti ġodda fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 221 tiegħu,

Billi:

(1) Id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa l-aktar marda infettiva importanti għall-annimali tal-ispeċi porċina. Seħħew tifqigħat kemm fl-annimali selvaġġi u kemm fl-irziezet fil-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni mill-2014 u, sabiex tiġi kkontrollata l-marda, ġew adottati restrizzjonijiet sanitarji stretti fil-livell tal-Unjoni.

(2) Sabiex jiżdied il-livell globali tal-bijosigurtà fiż-żona ġeografika li hija f'riskju għoli ta' deni Afrikan tal-ħnieżer u biex jiġu evitati tifqigħat ġodda fl-irziezet, il-Polonja stabbiliet rekwiżiti nazzjonali ġodda għall-irziezet li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-Unjoni eżistenti, permezz tar-Regolament tal-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-5 ta' Lulju 2017 li jemenda r-Regolament dwar il-miżuri meħuda fir-rigward tal-okkorrenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer ([2]). Ir-rekwiżiti l-ġodda jirrigwardaw b'mod partikolari l-mod kif jitqandlu u kif jiġu alimentati l-annimali, il-kostruzzjoni, id-diżinfezzjoni u l-kontroll tal-aċċess fl-irziezet. Ċerti rziezet se jkunu obbligati li jwaqqfu l-produzzjoni tal-laħam tal-majjal sa data ta' skadenza stabbilita mill-awtoritajiet Pollakki.

(3) Is-suq tal-laħam tal-majjal fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni ġie affettwat ħafna mir-restrizzjonijiet sanitarji adottati wara t-tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u, għalhekk, reċentement ġew adottati miżuri eċċezzjonali tas-suq skont l-Artikolu 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Barra minn hekk, minħabba d-dipendenza għolja fuq l-esportazzjonijiet tas-settur tal-laħam tal-majjal tal-Unjoni, aktar każijiet tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-irziezet jistgħu jiddistabbilizzaw serjament lis-suq jekk jiġu applikati restrizzjonijiet kummerċjali.

(4) F'dan il-kuntest, il-miżuri adottati b'mod volontarju mill-Polonja huma meħtieġa biex jitnaqqas ir-riskju ta' każijiet oħra tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u, għalhekk, dawk il-miżuri fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-suq tal-laħam tal-majjal tal-Unjoni fil-ġejjieni.

(5) Peress li l-maġġoranza tat-tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-irziezet fit-territorju Pollakk seħħew fl-irziezet li jżommu għadd żgħir ta' annimali tal-ispeċi porċina, u, fiż-żoni f'riskju, 50 % tal-irziezet għandhom inqas minn 10 ħnieżer u 90 % għandhom inqas minn 50, ikun partikolarment tajjeb u fl-interess tal-Unjoni li l-Polonja tapplika dawk il-miżuri għall-irziezet bħal dawn. Madankollu, dawk l-irziezet ma jistgħux iġarrbu l-piż u l-ispejjeż

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Il-Ġurnal Pollakk tal-Liġijiet (Dziennik Ustaw) 2017, punt 1333.

meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda u, għalhekk, l-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti fil-maġġoranza tal-każijiet se tobbligahom iwaqqfu l-produzzjoni tal-laħam tal-majjal, u dan jimplika li l-produtturi kkonċernati se jiċċaħħdu minn parti sinifikanti tad-dħul tagħhom fil-ġejjieni.

(6) Il-fatt li dan huwa fl-interess tal-Unjoni, mill-perspettiva tal-istabbiltà tas-suq tal-Unjoni, li l-miżuri Pollakki l-ġodda japplikaw preċiżament għal dawk l-irziezet li se jitilfu d-dħul minħabba r-rekwiżiti rilevanti, jikkostitwixxi problema speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Din il-problema speċifika ma tistax tiġi indirizzata mill-miżuri meħuda skont l-Artikolu 219 jew 220 ta' dak ir-Regolament. Minn naħa waħda, mhijiex marbuta speċifikament ma' tfixkil tas-suq eżistenti jew ma' theddida preċiża attwali tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-miżuri Pollakki ma jimponux restrizzjonijiet kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u ma jimmirawx li jiġġieldu direttament kontra t-tixrid tat-tifqigħat attwali tad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

(7) Meta wieħed jikkunsidra r-relazzjoni bejn id-daqs ta' razzett u l-kapaċità tiegħu li jadatta għar-rekwiżiti l-ġodda u d-dejta dwar it-tifqigħat fil-passat, din il-miżura ta' emerġenza jenħtieġ li tkun soġġetta għal daqs massimu tal-merħla. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi, id-daqs rilevanti tal-merħla tal-irziezet jenħtieġ li jkun limitat għad-daqs medju fil-passat reċenti. Bil-għan li jiġu evitati żidiet f'daqqa fil-provvista tal-laħam tal-ħnieżer fiż-żoni kkonċernati u kull impatt negattiv possibbli fuq is-suq, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' żmien biex l-annimali jitilqu mir-razzett wara l-pubblikazzjoni ta' ordni biex titwaqqaf il-produzzjoni tal-laħam tal-majjal, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu normali tal-produzzjoni. Għal skopijiet amministrattivi, jenħtieġ li d-detentur jingħata perjodu ta' żmien massimu biex iressaq applikazzjoni għall-għajnuna wara li jwaqqaf il-produzzjoni tal-laħam tal-majjal.

(8) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' finanzjament doppju, jenħtieġ li t-telf rilevanti fid-dħul ma jkunx ġie kkumpensat b'għajnuna mill-Istat jew b'assigurazzjoni u jenħtieġ li l-għajnuna tkun limitata għall-annimali eliġibbli li għalihom ma jkun ingħata l-ebda kontribut finanzjarju mill-Unjoni b'mod ieħor.

(9) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' kumpens żejjed, jenħtieġ li l-benefiċjarji jitħallew jerġgħu jibdew il-produzzjoni wara perjodu ta' żmien, wara li jagħtu evidenza li jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda.

(10) Jenħtieġ li l-għajnuna tiġi limitata għal dak li huwa strettament neċessarju biex tiġi indirzzata l-emerġenza fir-rigward tal-benefiċjarji u fir-rigward tal-ammont totali tal-għajnuna. Jenħtieġ li l-għajnuna mogħtija tkun ekwivalenti għal rata fissa għal kull annimal li tkopri t-telf tad-dħul fuq żmien qasir mill-produzzjoni. Jenħtieġ li l-ammont totali tal-għajnuna u l-allokazzjoni baġitarja globali jkunu bbażati fuq l-informazzjoni rċevuta mill-Polonja u li jikkorrispondu mad-dħul mill-produzzjoni tal-laħam tal-majjal għad-daqs medju rilevanti tal-merħla tal-irziezet. Peress li l-għajnuna se tikkumpensa biss porzjon limitat tat-telf tad-dħul futur imġarrab mid-detenturi li jkunu waqqfu l-produzzjoni, jenħtieġ li l-Polonja tingħata permess li tagħti appoġġ addizzjonali lil dawn id-detenturi, taħt l-istess kundizzjonijiet.

(11) Jenħtieġ li jkun previst li l-awtoritajiet kompetenti tal-Polonja jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn u jwettqu l-verifiki kollha meħtieġa u jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan kif xieraq. B'mod partikulari, dawk il-verifiki għandhom jinkludu verifiki dwar l-eliġibbiltà u l-korrettezza tal-applikazzjoni għall-għajnuna. Jenħtieġ li l-għadd ta' annimali eliġibbli jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-mezzi xierqa kollha disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti, inklużi b'mod partikolari l-verifiki fuq il-post, ir-rekords storiċi u r-reġistru tar-razzett obbligatorju kif stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE ([1]).

(12) Skont l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħtieġ li l-miżura tkun limitata għal perjodu massimu ta' 12-il xahar li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-ħlasijiet li jkunu saru mill-Polonja lill-benefiċjarji wara dak il-perjodu ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.

(13) Għal raġunijiet ta' ġestjoni baġitarja soda tal-miżura u ta' ħlas f'waqtu lill-produtturi, jenħtieġ li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([2]) ma jkunx applikabbli.

(14) Sabiex l-Unjoni tkun tista' timmonitorja l-effiċjenza ta' din il-miżura ta' emerġenza, jenħtieġ li l-Polonja tikkomunika lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-eżekuzzjoni tagħha. Sabiex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kontroll finanzjarju tagħha, jenħtieġ li l-Polonja tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2008, p. 31).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

(15) Peress li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jitressqu f'dati differenti skont id-data tal-waqfien tal-produzzjoni minn kull applikant tul perjodu ta' żmien massimu ta' 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq, fl-interess taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, li wieħed iqis id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bħala l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju fir-rigward tal-ammont tal-għajnuna.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-għajnuna għandha tkun disponibbli għad-detenturi tal-annimali tal-ispeċi porċina li ġew ordnati mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu l-produzzjoni tal-laħam tal-majjal skont ir-Regolament Pollakk tal-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tas-6 ta' Mejju 2015 dwar il-miżuri meħuda b'rabta mal-okkorrenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer ([1]) kif emendat mir-Regolament tal-5 ta' Lulju 2017 ("ir-Regolament Pollakk"), u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fiż-żmien meta jiġi ppubblikat l-ordni r-razzett tagħhom irid jinsab f'waħda miż-żoni tal-Polonja soġġetta għall-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer kif elenkat fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE ([2]) kif emendata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2017/1481/UE ([3]);

(b) fil-medja ma jkunux żammew aktar minn 50 annimal tal-ispeċi porċina fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017 u mill-inqas annimal wieħed minn dawn fi żmien iż-żjara ta' spezzjoni li wasslet għall-pubblikazzjoni tal-ordni biex titwaqqaf il-produzzjoni tal-laħam tal-majjal;

(c) l-annimali tagħhom jkunu telqu mir-razzett sal-iskadenza stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti iżda mhux aktar tard minn 120 jum wara l-pubblikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' ordni biex iwaqqfu l-produzzjoni tal-laħam tal-majjal;

(d) ikunu ressqu applikazzjoni għall-għajnuna sal-iskadenza stabbilita mill-Polonja;

(e) ma jkunux ibbenefikaw, għall-istess telf ta' dħul jew għall-istess annimali, mill-għajnuna tal-Istat, assigurazzjonijiet jew għajnuna ffinanzjata minn kontribut tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

2. L-għajnuna għandha tingħata mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tad-detenturi msemmija fil-paragrafu 1 li jerġgħu jibdew jipproduċu l-laħam tal-majjal wara perjodu ta' sentejn wara li jagħtu evidenza li jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fir-Regolament Pollakk.

Artikolu 2

1. L-għajnuna għandha tkun ta' EUR 33 għal kull qażquż sa 20 kg u ta' EUR 52 għal kull ħanżir ieħor u ma għandhiex taqbeż l-ammont massimu ta' EUR 9 300 000 li jkopri t-total massimu ta' 10 000 qażquż sa 20 kg u ta' 171 654 ħanżir ieħor.

2. L-għadd ta' annimali eliġibbli għal kull razzett għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-għadd medju ta' annimali miżmuma fir-razzett fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017 fuq il-bażi tas-sistema Pollakka ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali.

3. Il-Polonja tista' tagħti appoġġ addizzjonali għall-kisba tal-objettivi tar-Regolament Pollakk sa massimu ta' 100 % tal-għajnuna tal-Unjoni, sakemm jingħata taħt l-istess kundizzjonijiet u jiġi mħallas mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) Il-Ġurnal Pollakk tal-Liġijiet (Dziennik Ustaw) 2015, punt 711.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1481 tal-14 ta' Awwissu 2017 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri (ĠU L 211, 17.8.2017, p. 46).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

Artikolu 3

Il-Polonja għandha tieħu l-miżuri kollha li hemm bżonn, fosthom kontrolli amministrattivi u verifiki fuq il-post eżawrjenti, skont l-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sabiex tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. B'mod partikulari, il-Polonja għandha tivverifika:

(a) l-eliġibbiltà tal-applikant;

(b) l-għadd ta' qżieqeż eliġibbli sa 20 kg u ħnieżer oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 2(2) fuq il-bażi tal-verifiki fuq il-post, ir-rekords storiċi u r-reġistru tar-razzett miżmum skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2008/71/KE;

(c) li għal kull applikant eliġibbli, l-annimali tal-ispeċi porċina jkunu telqu mir-razzett sal-iskadenza stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti iżda mhux aktar tard minn 120 jum wara l-pubblikazzjoni tal-ordni biex iwaqqfu l-produzzjoni tal-laħam tal-majjal;

(d) għal kull applikant eliġibbli, il-fatt li ma hemm l-ebda annimal tal-ispeċi porċina fir-razzett matul il-perjodu kollu li fih japplikaw il-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiż-żona rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(a);

(e) li l-ebda applikant eliġibbli ma rċieva finanzjament minn sorsi oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(e) fir-rigward tal-istess telf tad-dħul jew l-istess annimali.

Artikolu 4

1. L-għajnuna għandha titħallas lill-applikanti eliġibbli wara li jissottomettu evidenza bil-miktub li tiddikjara li l-annimali kollha jkunu telqu mir-razzett sal-iskadenza stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti iżda mhux aktar tard minn 120 jum wara l-pubblikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-ordni biex iwaqqfu l-produzzjoni tal-laħam tal-majjal.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(2), f'sitwazzjonijiet fejn l-annimali tal-ispeċi porċina jinsabu fir-razzett wara l-jum imsemmi fil-paragrafu 1 u matul il-perjodu li fih japplikaw il-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiż-żona rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(a), l-għajnuna għandha tiġi rkuprata u għandhom jiġu applikati penali.

Artikolu 5

1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni jekk il-Polonja tkun ħallsitha lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament biss.

2. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ma għandux japplika.

Artikolu 6

1. Il-Polonja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu skont l-Artikolu 3 sa mhux aktar tard minn 21 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Sa mhux aktar tard minn 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Polonja għandha tibgħat rapport dettaljat lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jkun fih dettalji dwar l-eżekuzzjoni tal-miżuri li jkunu ttieħdu u tal-verifiki li jkunu twettqu skont l-Artikolu 3.

3. Il-Polonja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

Artikolu 7

Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju tal-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 2.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Artikolu 8

L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandha titqies bħala miżura ta' appoġġ għas-swieq agrikoli kif previst fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER